MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 64/2015

**Elizabeth Grech Sollars (K.I. nru. 0227451 (M)), bhala mandatarja ta' uliedha Bernard Grech, maghruf bhala Bernard Grech Sollars (K.I. nru. 0278980(M)) u Matthew Grech, maghruf bhala Matthew Grech Sollars (K.I. nru. 606883(M))**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Elizabeth Grech Sollars noe datat 26 ta’ Jannar 2015 fejn esponiet: -

Raguni tat-Talba

Billi Bernard u Matthew hawn imsemmija, dejjem uzaw ghalihom, u dejjem gew konsistentement imsejha mill-familjari, l-iskola, mill-hbieb u konoxxenzi tagnha bl-isem ta' Bernard Grech Sollars u Matthew Grech Sollars rispettivament, u billi din l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tordna lid-Direttur konvenut jaghmel annotazzjoni li tirrifletti dan, kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.

Talbiet:

**Jghid ghalhekk, il-konvenut, 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara illi Bernard Grech (K.I. nru. 0278980(M)) kien konsistentement u ghandu jibqa' jkun maghruf bl-isem **Bernard Grech Sollars;**

2. Tordna lid-Direttur konvenut jaghmel annotazzjoni fil-margini tal-Att tat-Twelid bin-numru ta' skrizzjoni 2789/1980, b'dana hekk illi l-istess

Bernard Grech jassumi kunjom xbubit ommu, u cioe` 'Sollars', li ghandu jizdied wara l-kunjom 'Grech';

3. Konsegwentement, tordna illi l-annotazzjoni maghmula skont it-tieni talba tigi wkoll riflessa f'kunjom l-esponenti Bernard fl-Att taz-Zwieg bin-numru 2178/2014, u b'konsegwenza, fil-kunjom addottat minn martu Tara Ritschel fuq l-istess att;

4. Tiddikjara illi Matthew Grech (K.I. nru. 606883(M)) kien konsistentement u ghandu jibqa' jkun maghruf bl-isem **Matthew Grech Sollars;**

5. Tordna lid-Direttur konvenut jaghmel annotazzjoni fil-margini tal-Att tat-Twelid bin-numru ta' skrizzjoni 6068/1983, b'dana hekk illi l-istess Matthew Grech jassumi kunjom xbubit ommu, u cioe` 'Sollars', li ghandu jizdied wara l-kunjom 'Grech';

6. Tordna wkoll lid-Direttur konvenut sabiex, jekk ikun il-kaz, l-annotazzjonijiet hawn fuq mitluba jigu riflessi f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-atturi u kif ukoll uliedhom, u dixxendenti ulterjuri taghom.

7. Konsegwentement, tordna illi l-annotazzjoni maghmula skont it-tieni talba tigi wkoll riflessa f’ kunjom iben l-esponenti Bernard fl-Att tat-Twelid bin-numru 654/2015, b’ konsegwenza, illi dana jigi msejjah bl-isem ta’ Alec Julian Grech Sallars.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur konvenut, li jinsab minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-17 ta' Marzu 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta' Frar 2015 (fol 85) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma dan li ġej:

Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent umilment jirrileva li, kif hekk jezigi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, maghdud mad-dokumenti esibiti flimkien mar-rikors guramentat, ir-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tipprezenta affidavits li ghandhom jikkonfutaw it-tezi taghha ossia li tul hajithom ir-rikorrenti konsistentement huma maghrufa bhala *Bernard Grech Sollars u Matthew Grech Solars* rispettivament.

2. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors

guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, fir-rigward tat-talba numru sitta din ma tistax tintlaqa peress li r-rikorrenti kellha tindika bi precizjoni l-atti li trid li ssir bidla fihom.

4. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

**Rat ir-rikors guramentat** ta' Elizabeth Grech Sollars noe datata 2 ta’ Marzu 2015 a fol 89 tal-process fejn esponiet illi :-

1. Fis-27 ta' Jannar 2015, twieled iben l-esponenti Bernard Grech maghruf bhala Bernard Grech Sollars (K.I. 0278980(M)), illi nghata l-isem ta' Alec Julian, u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-att tat-twelid bin-numru 657/2015 hawn anness;

2. Jehtieg ghalhekk illi t-talbiet fir-rikors guramentat odjern ikunu jinkludu wkoll talba ghall-annotazzjoni f'dan l-istess certifikat, biex kemm-

il darba din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, Alec Julian, iben l-esponenti Bernard u martu Tara jibda igorr l-istess kunjom ta' ommu u missieru.

**Ghaldaqstant** l-esponenti noe titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna illi mat-talbiet fir-rikors guramentat, tizdied talba, illi tkun immarkata bhala numru sebgha (7) u li tkun taqra kif gej:

*"7. Konsegwentement, tordna illi l-annotazzjoni maghmula skont it-tieni talba tigi wkoll riflessa f'kunjom iben l-esponenti Bernard fl-Att tat-Twelid bin-numru 657/2015, b'konsegwenza, illi dana jigi msejjah bl-isem **ta' Alec Julian Grech Sollars**."*

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Carlos Bugeja ghall-atturi u Dr. Maurizio Cordina ghall-intimat. Referibbilment ghar-rikors tal-attrici tat-2 ta' Marzu 2015, Dr. Cordina ghadda ruhu b'notifikat u ddikjara li ma jopponix ghat-talba. Il-Qorti ghalhekk laqghet it-talba u ordnat iz-zieda tat-talba indikat fir-rikors guramentat. Dr. Bugeja ddikjara li m'ghandux provi ulterjuri filwaqt li Dr. Cordina irrimetta ruhu ghar-risposta tieghu. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-16 ta' Lulju 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti *nomine* qed taghmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* **tal-artikolu 254 tal-Kap.16** saret debitament skont il-Ligi nhar it-30 ta' Jannar 2015 (Fol.83 tal-process), u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti Bernard u Matthew ahwa Grech, ulied Joseph Grech u Elizabeth Grech Sollars, twieldu rispettivament fit-8 ta' Gunju 1980 (**DOK A)** u fid-29 ta' Novembru 1983 (**Dok. B).** Huma jsostnu li huma konsistentement maghrufa bil-kunjom 'Grech Sollars' u esibew dokumentazzjoni kopjuza in sostenn tat-tezi taghhom. Inoltre Bernard Grech izzewweg fl-4 ta' Awwissu 2001 u martu addottat kunjomu (**Dok.C)**.

Huma ghalhekk qed jitolbu li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega sabiex kunjom xbubiet ommhom, 'Sollars', jizdied wara l-kunjom 'Grech.'

Illi *ai fini* tat-tielet eccezzjoni (enumerata bin-numru tlieta izda li hija fir-raba' paragrafu tar-Risposta Guramentata) saret korrezzjoni awtorizzata tar-rikors guramentat fejn zdiedet talba ulterjuri fejn gie indikat precizament l-Att tat-Twelid ta' iben Bernard Grech Sollars u intalab li jsir l-istess annotazzjoni f'dan l-att. Din l-eccezzjoni hija ghalhekk ukoll sorvolata.

Illi mill-atti u mill-provi kollha prodotti, din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrenti ippruvaw li huma ilhom konsistentement maghrufa bil-kunjom 'Grech Sollars' u dan minn meta kienu zghar. Aparti li uzaw dan il-

kunjom meta attendew l-iskola, fis-sena 1994 il-passaporti taghhom inhargu wkoll b'dan il-kunjom.

Ikkonsidrat li 'Sollars' huwa kunjom xbubit omm ir-rikorrenti. Huma twieldu qabel iz-zidiet fil-Kodici Civili li ppermettew lil ulied izidu kunjom xbubit ommhom mal-kunjom tal-missier, u dan in ommagg ghall-principji tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

Din il-qorti gja kellha okkazzjoni li tippronunzja ruhha billi laqghet talbiet li kienu jikkoncernaw iz-zieda tal-kunjom tal-omm mal-kunjom moghti, (Ara ad. ez**. Rosanne Vassallo Kirpalani noe. v Direttur tar-Registru Pubbliku,** (dec. fl-14 ta' Ottubru 2014); **Dr. Ro'Anna Borg.et noe v Direttur tar-Registru Pubbliku** (dec. fis-16 ta' Dicembru 2015).

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hija soddisfatta li t-talbiet tar-rikorrenti ghajr ghas-sitt talba, ghandhom jirnexxew salv li billi ma sarx zball da parti tal-Intimat, l-ispejjez ghandhom jinkombu fuq ir-rikorrenti.

**Is-sitt Talba**

Ikkonsidrat li s-sitt talba kif dedotta ma tistax tintlaqa' billi salv ghall-annotazzjoni mitluba bis-seba' talba ma gewx indikati l-atti intizi skont id-dettam tal-artiklu 253(3) tal-Kap.16.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-Intimat safejn huma inkompatibbli ma’ din is-sentenza, **tiddisponi mit-talbiet attrici** skont dan li gej:-

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara illi Bernard Grech (K.I. nru. 0278980(M)) kien konsistentement u ghandu jibqa' jkun maghruf bl-isem **Bernard Grech Sollars;**

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tordna lid-Direttur konvenut jaghmel annotazzjoni fil-margini tal-Att tat-Twelid bin-numru ta' skrizzjoni 2789/1980, b'dana hekk illi l-istess Bernard Grech jassumi kunjom xbubit ommu, u cioe` 'Sollars', li ghandu jizdied wara l-kunjom 'Grech';

3. **Tilqa' t-tielet talba** u konsegwentement, tordna illi l-annotazzjoni maghmula skont it-tieni talba tigi wkoll riflessa f'kunjom l-esponenti Bernard fl-Att taz-Zwieg bin-numru 2178/2014, u b'konsegwenza, fil-kunjom addottat minn martu Tara Ritschel fuq l-istess att;

4. **Tilqa' r-raba’ talba** u tiddikjara illi Matthew Grech (K.I. nru. 606883(M)) kien konsistentement u ghandu jibqa' jkun magnruf bl-isem **Matthew Grech Sollars;**

5. **Tilqa' l-hames talba** u tordna lid-Direttur konvenut jaghmel anotazzjoni fil-margini tal-Att tat-Twelid bin-numru ta' skrizzjoni 6068/1983, b'dana hekk illi l-istess Matthew Grech jassumi kunjom xbubit ommu, u cioe’ 'Sollars', li ghandu jizdied wara l-kunjom 'Grech';

6. **Tichad is-sitt talba.**

7. **Tilqa' s-seba' talba** u konsegwentement, tordna illi l-annotazzjoni maghmula skont it-tieni talba tigi wkoll riflessa f' kunjom iben l-esponenti Bernard fl-Att tat-Twelid bin-numru 654/2015, b' konsewgenza, illi dana jigi msejjah bl-isem ta' Alec Julian Grech Sollars.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------